// IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IR-RABA' KTIEB TA' L-1931

# INĦOBBU L-LSIEN MALTI

Il-lsien malti hawn min iħobbu u hawn min ma jħobbux. Ma naħsbux illi fost il-Maltin hawn min jobogħdu; għallinqas ma naraw l-ebda raġuni għaliex wieħed għandu jarmi u jirfes ilsien pajjiżu.

Il-lum erba' kelmiet lil dawk li jħobbuh, biex ingħidulhom iħobbuh iżjed: darb'oħra erba' kelmiet lil dawk li ma jħobbuhx, biex ingħidulhom jibdew iħobbuh.

L-imħabba tfisser għamil, ħidma, mhux kliem. Min iħobb bil-kliem biss ma jħobb xejn.

Dawk li jħobbu l-lsien malti jew huma kittieba, inkella qarrejja.

Lil ta' l-ewwel—lill-kittieba—ngħidulhom: Ħobbu dejjem iżjed il-lsien tagħkom, billi a) tħaddmuh, b) issaffuh, c) tagħnuh, d) torqmuh.

*Ħaddmuh*, għaliex l-ilsna bħal biċċa għodda tal-ħadid jew tal-azzar; jekk tħaddimha, iżżommha dejjem tlekk, nadifa u kaddejja; jekk tħalliha qe'għda, titlef lewnha, issaddad, u ma taqdikx.

*Saffuh*; la ddaħħlux bla bżonn kliem barrani, iżda fittxu li tħaddmu l-kelma maltija għal kull ħsieb u għal kull ġibda tal-qalb: u meta jinħtiġilkom iddaħħlu xi

kelma barranija, atuha sura minn tagħna, maltija, bħal ma għandna ħafna kliem li, għalkemm barrani, ma jingħarafx minn dak li hu qadim u ewlieni f'ġensna.

*Għanuh;* ħaddmu, jekk jista' jkun, il-kliem kollu li għandna fi lsienna: tinqdewx dejjem bl-ewwel erba' kelmiet li jiġu f'raskom intom u tiktbu, għax b'hekk ħafna kliem jintesa u jmut. Daħħlu għidud ġdid u xbihiet ġodda li jġibu tajjeb mal-ħsieb jew mal-ħaġa li tridu tgħidu, għaliex it-taħdit imxebbaħ iżid, ikabbar u jgħani lil-lsien. Daħħlu wkoll, bil-għaqal u bid-dehen li jitolbu l-liġijiet tal-ilsna, kliem ġdid biex tfissru ħsebijiet u ħwejjeġ ġodda: tisselfux b'għajnejkom magħluqa.

*Orqmuh:* naqquh mill-kliem fieragħ, mill-għidud imgħawweġ, minn xi ilħna ħorox; atuh nisġa mżewqa fil-vokali, fil-konsonanti, fil-kliem; atuh mixja ħafifa u daqq ħelu għall-widna. Is-sabiħ jingħoġob u jinħabb, għaliex, bħal ma għanna Keats, « Ħaġa sabiħa għajn ta' ferħ għal dejjem ».

Lil tal-aħħar—jiġifieri lill-karrejja—ngħidulhom: Ħobbu dejjem aktar lil-lsien tagħkom:

a) billi tagħżlu u tixtru dawk il-kotba li huma miktubin tajjeb, jiġifieri li fihom mhux biss ħsebijiet mimlija u fejjieda, ħsus xerqin u tagħlim fuq il-ħajja, iżda wkoll kliem magħżul, nisġa ta' għidud qawwija u sabiħa, ortografija tajba; f'kelma waħda, lsien malti kif għandu jkun;

b) billi, wara l-għażla tal-kotba taqraw bil-qalb dak li jkun inkiteb għalikom, jiġifieri mhux taqraw biss għall-mogħdija taż-żmien, iżda biex titgħallmu u taraw x'setgħat għandu l-lsien malti, u hekk titħabbu miegħu, għax taraw il-ġmiel li fih moħbi;

c) billi tħajru oħrajn jaqraw, u jaqraw it-tajjeb; tfehmuhom, jekk ma jaslux weħidhom, kif jagħarfu

ktieb tajjeb minn wieħed kajman: u jekk għandkom xeħta għall-qari msamma u ħabta żżewqu leħenkom mal-feħma tal-ktieb, aqraw lil ħaddiħor xi kotba tajba, ngħidu aħna, tal-Istorja ta' Malta, la darba l-kotba ta' l-Istorja huma l-aktar iebsin għal min ma hux imdorri jaqra.

U issa biex nagħalqu: Il-lsien tiegħu kullħadd jista' jħobbu iżjed, għaliex dejjem tista' ssib fih x'jiġbdek, xi jħajrek, x'iħennik.

Wieħed mill-akbar u mill-ifjen kittieba ta' l-Italja — Niccolò Tommaseo — li kiteb wieħed mill-aqwa u mill-isbaħ dizziunarji li għandu l-lsien taljan, u li kien xjeħ fl-istudju, fit-tagħlim, u fil-kitba, sebaħ darba fil-għodu kmieni fil-bieb tad-dar bi ktieb f'idu. Għadda wieħed ħabib tal-qalb u qallu: « Niccolò, għodu għodu x'inti tagħmel b'dak il-ktieb f'idek? » Wieġbu: « Qiegħed nifli u nifhem aħjar il-lsien tiegħi, għax għadni ma nafux sewwa ».